# KAĊĊA GĦAT-TEŻOR

## Marjana





# KAĊĊA GĦAT-TEŻOR
## Marjana

Esplora l-mumenti prinċipali fil-ħajja ta' Marija permezz ta' din il-kaċċa għat-teżor. Stampa u qassas madwar il-kaxxi bil-ħjiel (jew indikazzjonijiet). L-ewwel waħda għaddiha lit-tfal fil-bidu tal-logħba. Aħbi l-kaxxi bil-ħjiel kollu l-ieħor madwar id-dar skont x'hemm miktub f'kull waħda.

Aħbi premju fil-post indikat fl-aħħar kaxxa. Il-premju jista' jkun ktieb ta' stejjer mill-Bibbja, ktieb dwar Marija, statwa ċkejkna tagħha, jew xi ħaġa oħra li tixraq.

KAĊĊA GĦAT-TEŻOR Marjana



# IT-TĦABBIRA

L-anġlu Gabrijel deher lil Marija
hija u titlob biex jgħidilha li se tkun
Omm Ġesù. Fejn tieħu gost titlob?
Hemm jinsab il-ħjiel li jmiss.

# IL-VIŻITAZZJONI



Marija maret iżżur lil
Eliżabetta, u n-nisa sellmu
lil xulxin bil-ferħ.
Il-ħjiel li jmiss jinsab
qrib il-bieb fejn int tilqa'
lill-mistednin f'darek.

# IT-TWELID TA' ĠESÙ



L-anġli u kewkba tiddi

fis-sema wrew it-triq għal

Ġesù Tarbija.

Ħares barra mit-tieqa

biex tilmaħ il-kwiekeb u

magħhom il-ħjiel li jmiss.

# IL-PREŻENTAZZJONI

Marija u Ġużeppi ħadu lil Ġesù biex jiġi ppreżentat fit-Tempju, fejn iltaqgħu ma' Xmun u Anna, żewġ anzjani ħerqana li jiltaqgħu mal-Messija. Fittex ritratt ta' anzjan tal-familja għall-ħjiel.



KAĊĊA GĦAT-TEŻOR Marjana



# IS-SEJBA TA' ĠESÙ FIT-TEMPJU



Marija u Ġużeppi beżgħu meta ħasbu li tilfu lil Ġesù ta' 12-il sena. Imma hu kien fiż-żgur flimkien mal-għorrief tal-liġi. Sib il-ħjiel li jmiss fil-post fejn iżżomm l-affarijiet tal-iskola.

KAĊĊA GĦAT-TEŻOR Marjana



# IT-TIEĠ F'KANA

Fil-festa tat-tieġ Marija qalet lil Ġesù li kien naqsilhom l-inbid, u Ġesù bidel l-ilma fi nbid. Fejn tagħmluhom l-ikliet ta' ċelebrazzjonijiet speċjali fid-dar?

Il-ħjiel issibu mal-mejda.



# IT-TISLIB



Marija baqgħet ma' Ġesù huwa u tiela' l-Kalvarju fejn ġie msallab. Dawk li jħobbuna jibqgħu magħna mqar fl-agħar jiem ta' ħajjitna. Ftakar fid-dmugħ li xerrdet Marija fit-Triq tas-Salib int u tfittex il-ħjiel li jmiss ħdejn il-kaxxa tat-tissues.

KAĊĊA GĦAT-TEŻOR
Marjana

8

# IL-QAWMIEN

Immaġina l-ferħ ta' Marija meta ltaqgħet ma' Ġesù wara l-Qawmien. Aqsam mal-oħrajn tifkira sabiħa tal-familja, u mbagħad mur fil-kċina għall-aħħar sorpriża.

